MALTA

ATT Nru. VIII ta' l-1990

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi dwar kif għandhom ikunu magħrufa l-Qrati Inferjuri.

ACT No. VIII of 1990

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the mode in which the Inferior Courts shall be styled.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

9 ta' Marzu, 1990

ATT Nru. VIII ta' l-1990

ATT biex jipprovdi dwar kif għandhom ikunu magħrufa l-Qrati Inferjuri.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jbiddel l-isem tal-Qrati Inferjuri, u għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għal ġustizzja jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Kif għandhom ikunu magħrufa l-Qrati Inferjuri.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra, il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, u l-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja għandhom minn issa 'l quddiem ikunu magħrufin bħala l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), kif ikun il-każ:

Iżda b'dan illi meta jiġi preżentat xi att f'xi qorti bħal dik fil-kompetenza kriminali tagħha għandu jitniżżel f'dak l-att li dak l-att ikun qiegħed jiġi preżentat f'dik il-qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew bħala Qorti Istruttorja kif ikun il-każ, u f'xi att li jiġi preżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza ċivili tagħha għandu jitniżżel li dak l-att ikun qiegħed jiġi preżentat fil-kompetenza inferjuri tagħha, jew fil-kompetenza superjuri ċivili jew kummerċjali tagħha, jew bħala qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, jew fil-kompetenza fi grad ta' appell inferjuri jew superjuri tagħha, kif ikun il-każ.

Riferenzi għall-Qrati Inferjuri f'liġijiet oħrajn.

3. Meta f'xi liġi jkun hemm riferenza għall-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, jew il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, jew il-Qorti tal-

Pulizija Ġudizzjarja, dik ir-riferenza li jkun hemm għandha titqies bħala riferenza għal dawk il-qrati kif magħrufin skond dan l-Att.

Emenda tal-Kap. 12.

4. L-artikolu 174 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2).

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 350 tal-5 ta' Marzu, 1990.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati